# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 2228/98**

**Numru 25**

**Alan Attard**

**vs**

**Joseph Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' seba mija u erbatax il-lira u tmien centezmi (Lm714.08,0) danni minnu imgarrba b'rizultat ta' incident awtomobilistiku li gara fil-31 ta' Jannar 1998 fi St. Leonard Street, Zejtun bejn il-vettura HAA-547 misjuqa minn Alan Attard u l-vettura LAA 639 misjuqa mill-konvenut Joseph Gauci.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjes u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenut inkluzi Lm11.50 ta' spejjes legali maghmula mill-attur, liema konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 4 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-incident de quo sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess attur.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-incident in esami gara fid-data specifikata fl-avviz u kien jinvolvi il-vettura numru HAA-547 misjuqa mill-attur u ohra bin-numru LAA 639 misjuqa mill-konvenut. L-istess incident sar f'Triq Anard kantuniera ma Triq Dejma fis-Zejtun ossija f'Bulebel, faccata ta' fabrika fejn jigu manifatturati sigaretti (ara fol 11 sa 16 tal-atti). Skond ir-rapport redatt minn PS 614 Saviour Garzia (fol 14 tal-istess atti) l-attur kien stqarr mieghu li "was proceeding along St Leonard Str when at the corner with Dejma Rd, he found a vehicle obstructing his way. He braked but collided". Da parti tal-konvenut dan kien iddikjara lill-istess Fizzjal tal-Puliizja li "Emerged from Dejma Rd, stopped prior making a turn into St Leonard Str when he heard a brake and a vehicle hit his". Fl-istess rapport (fol 15 ibid) it-triq giet deskritta mill-istess pulizija bhala "Y Junction" u bil-kondizzjoni ta' wicc it-triq u tat-temp bhala "wet" u "raining" rispettivament (ara ukoll skizz a fol 16 u xhieda relattiva a fol 11 dejjem tal-istess atti). Inoltre skond l-istess skizz jidher li wara l-vettura tal-attur kien hemm marki ta' brakes twal hdax (11) il-metri. Waqt li fl-imsemmi rapport jidher li l-karozza tal-attur kellha hsara fuq quddiem fuq ix-xellug u dik misjuqa mill-konvenut kienet tidher mahbuta fuq quddiem fuq il-lemin.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (a fol 17 u 18 ibid) meta xehed “viva voce” spjega li kien gej mid-direzzjoni ta’ Triq tal-Barrani u jsuq lejn il-Mina ta’ Hompesch fil-Fgura. Hawnhekk hu ra karozza ohra (dik misjuqa mill-konvenut) hierga minn triq laterali pjuttorst wiesa (Tal-Mincott). Meta ra li din waqfet, hu kompla jsuq ghax “rajt li stajt nibqa ghaddej ....” Pero’, skond dejjem l-attur, il-konvenut rega’ saq u “Rega ibbrejkja f’daqqa wahda, f’nofs it-triq”. Minhabba hekk, hu kien kostrett li jaghfas il-”brake” waqt li kien qed jsuq b’velocita ta’ madwar 45 kilometri fis-siegha. Pero cjononostante “missejtlu in-naha ta‘ quddiem tieghu” meta l-konvenut kien wieqaf.

Illi, da parti tieghu, l-konvenut xehed (fol 21 ibid) li kif kien qed jsuq fuq Triq id-Dejma, hu waqaf fejn hemm sinjal ta’ “stop” stante li “Mill-main road kienu ghaddejin il-karozzi”. Kif kien wieqaf hu ra misjuqa fil-fehma tieghu “bi speed qawwi”, il-karozza misjuqa mill-attur waqt li din kienet gejja ghal fuqu. Hawnhekk l-attur “ghafas il-brake u kien ser jikser lejn Dejma Road” stante li ra li kellu l-”indicator” mixghul f’din id-direzzjoni. Skond il-konvenut “L-iehor skiddja mal-brake u baqa’ gej ghal fuqi”. Bhala konsegwenza hu sofra hsara fil-vettura misjuqa minnu ”fuq il-lemin fuq quddiem”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut esebixxa <u>erba' ritratti</u> (fol 24 et seq ibid) li fuqhom kien hemm indikata oltre l-lokalita' tal-incident "il-vettura tal-konvenut stess li tqeghdet fl-istess posizzjoni li kienet tinsab fiha fil-hin tal-incident de quo".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, wara li gew meqjusa l-provi kif esposti, sabiex tasal ghad-decizjoni taghha gew konsiderati s-segwenti:

1. L-istess konvenut xehed li hu kien wieqaf in vista li kienu ghaddejjin vetturi fuq it-triq principali ("main road"). Konsegwentement ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li hu kien hiereg minn triq laterali, fatt risultatanti ukoll mill-presenza ta' sinjal ta' "stop" kif risultanti mix-xhieda tieghu u mir-ritratti esebiti minnu stess a fol 25 sa 28 tal-atti, liema sinjal, pero', ma hux imnizzel fl-iskizz imsemmi.

2) Dan premess, mill-istess provi jidher li dan hu kaz, fejn il-konvenut waqt li kien hiereg minn triq laterjali ghal go wahda principali ma hax il-prekawzjonijiet kollha sabiex jara li b'tali hrug ma kienx ser jikkaguna kollizzjoni. In rigward dan, ma jidhirx li l-attur b'xi

mod jista' jigi konsiderat bhala "a main road abuser" u l-kawza ta' dan l-incident ghandha tkun in-nuqqas ta' debita kawtela da parti tal-konvenut li, fl-opinjoni fondata tal-Qorti, saq skond kif jirrizulta mix-xhieda tal-attur (ara "supra") u bhala konsegwenza waqaf oltre s-sinjal ta' "stop" kif jidher mill-iskizz imsemmi u b'hekk ostakola l-passagg tal-karozza tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi l-"quantum" ta' danni pretiz jidher li ma giex kontestat b'xi prova kontrarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm714.08,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lilll-attur is-somma ta' Lm714.08,0 bl-imghax legali mill-21 ta' Novembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm11.50,0 bhala spejjes legali.

Alan Calleja
Dep.Reg